Kunsill Reġjonali Ċentru

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 46

IT-TIELET LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 46

Il-Ħamis 25 ta' Frar, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

46.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, mingħand is-Sindku ta' Birkirara, is-Sra. Joanne Debono Grech, kif ukoll mingħand is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

46.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

46.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 45 li saret nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021 u minuti tas-seduti numru 46 li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2021 b'urġenza kienu meħuda bħala moqrija.

46.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u sekondati mis-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina.

## 46.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart*

46.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li nżammet mal-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, fuq talba mill-membri tal-Kunsill Reġjonali fil-laqgħa preċedenti sabiex jiġu diskussjoni xi punti li kellhom uħud mill-membri dwar dan is-suġġet.

46.3.2 Il-President esprima d-diżappunt tiegħu dwar l-attendenza għal din il-laqgħa fejn għaliha kienu preżenti biss is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefair, is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Jeanette Galea.

46.3.3 Il-President spjega kif id-DLG għaddejjin bil-preparamenti mal-Minsiteru ta' l-Ambjent sabiex tinħareġ is-sejħa ta' offerti u jittama li l-punti li kienu ġew imressqa mill-AKL ikunu nkluża f'dan il-proċess.

46.3.4 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, skuża ruħu għan-nuqqas tiegħu minn din il-laqgħa u spjega kif, fl-opinjoni tiegħu, l-pużiżżjoni tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun kienet ilha stabilita.

46.3.5 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li waqt din il-laqgħa s-Sur Fava ikkonferma kif is-sejħa ser tinħareġ mill-Kunsill Reġjonali u l-pagament ser jinħareġ ukoll mir-Reġjun

46.3.6 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, qal kif hu ma jaqbilx li l-pagament lill-kuntrattur jinħareġ mingħand ir-Reġjun għax dan inaqqas mis-saħħa li jkollu l-Kunsill Lokali.

46.3.7 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, spjega kif is-Sur Mario Fava kien qal li l-pagament irid jinħareġ mir-Reġjun biss il-Kunsill Lokali rispettiva jkollha l-fakulta jekk tgħaddix il-pagament lir-Reġjun u għal din ir-raġuni ħa jkun fl-interess tar-Reġjun li jara li s-servizz hux qed isir sew.

- *Laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-DGL*

46.3.8 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li nżammet mid-Direttur Ġenerali tad-DGL, is-Sur Natalino Attard, dwar il-landament tal-Kunsilli Reġjonali ġodda minn Ottubru 2021 peress li fit-tieni sibt ta' Ottubru jinżammu l-elezzjonijiet tal-President ta' l-AKL kif ukoll tal-Presidenti tal-Kunsill Reġjonali.

46.3.9 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sra. Margaret Baldacchino Cefai, talbet lill-President jgħati l-kompożizzjoni ta' kif ser ikunu l-Kunsilli Reġjonali l-ġodda.

46.3.10 Il-President spjega kif ir-Reġjun ser ikun jismu Reġjun Lvant u l-lokalitajiet ta' San Ġwann, Santa Venera, Ħ'Attard u Ħal Balzan ser imorru f'Reġjuni oħra, filwaqt li l-Għargħur, Pembroke, Swieqi ser jingħaqdu mal-lokalitajiet li hemm fil-preżent.

- *Laqgħa ma' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta*

46.3.11 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet ma' din l-Awtorità fuq talba tiegħu sabiex dan il-Kunsill Reġjonali jingħata fondi minn din l-Awtorità fuq il-proġett regjuncentru360.com.

46.3.12 Il-President spjega kif kien hemm ftehim verbali fejn ser ningħataw €150,000 mifruxa fuq perjodu ta' tliet snin bil-kundizzjoni li jingħaqdu magħna r-Reġjuni l-oħra. Għal din ir-raġuni, nofs is-somma ser tkun qed tinħareġ mill-MTA filwaqt li n-nofs l-ieħor jinħareġ mill-Kunsill Reġjonali.

46.3.13 Dawn il-fondi ser jintużaw ukoll sabiex ikun hemm *marketing* ahjar fuq il-proġett u l-proġett ikun jistà jkompli jikber.

46.3.14 Hu żied jgħid kif talab għall-laqgħa mas-Sur Jazon Azzopardi biex forsi jingħataw fondi mill-V18 pero bil-flus li ser ningħataw mill-MTA diġa huwa bidu tajjeb.

46.3.15 L-MTA dan l-aħħar sena u nofs ma setgħux jonfqu ħafna flus ħabba l-marketing u ħeġġeġ lil dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom xi idejat, jgħamlu kuntatt magħħom.

- *Proposta Kitbiet Minsija*

46.3.16 Il-President ressaq proposta li kienet ukoll intbagħtet permezz ta' emejl flimkien ma' l-aġenda tal-laqgħa minn grupp ta' żgħażagħ li qedin jistudjaw fit-teatru sabiex jintervistaw anzjan fir-Reġjun tagħna u jkollhom l-opportunità li jirrakkuntaw meta kienu żgħar.

46.3.17 Minn din l-informazzjoni miġbura, 'l quddiem ikun jistà jittella performance dwar dan.

46.3.18 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu fuq dan il-proġett.

46.3.19 ***17:47pm – il-Viċi SIndku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, daħal għal din il-laqgħa.***

46.3.20 Il-President reġa spjega fi ftit kliem fuq xiex kien il-proġett peress li Dott. Micallef kien għadu kif daħal għal din il-laqgħà.

46.3.21 Is-Sindku ta' San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, talab sabiex is-sejħa għal min ser jiġi intervistat u min ser jieħu sehem meta titella mod teatrali jkun hemm preferenza lil dawk li huma fi ħdan ir-Reġjun.

46.3.22 Il-President qabel fuq dan is-suġġeriment.

46.3.23 Il-proposta ġiet approvata mill-membri preżenti b'mod unanimu.

## 46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

46.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi mistoqsijiet li xtaqu jressqu.

46.4.2 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija, il-President mexa fuq l-item li jmiss ta' l-aġenda.

## 46.5 Rapporti

46.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informal ill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 46.6 *Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru*

46.6.1 Il-President fakkar kif fil-laqgħa preċedenti numru 44, il-membri preżenti kienu espremew li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss f'din il-laqgħa.

46.6.2 Madankollu s-Sur Fenech Adami spjega kif qabel ma jiddiskutu dan is-suġġett ġibed l-attenzjoni li l-iskemi finanzjarji maħruġa s'issa minn din ir-Reġjun fl-2020 għadhom jiġu konklużi sa tmiem Awwissu 2021 biex id-dokumenti kollha jkunu proċessati għal rimborż fil-laqgħa ta' Settembru 2021.

46.6.3 Is-Sur Fenech Adami qal kif minħabba li dan ir-Reġjun irid jagħlaq il-kotba tiegħu sa' Ottubru 2021, l-iskemi finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali jridu jiġu konkluża sa' Lulju 2021 sabiex ir-rimborż ikun finaliżżat f'Settembru 2021.

46.6.4 Is-Sur Fenech Adami għamel referenza għall-fondi li ngħataw lir-Reġjun sabiex iżommom f'isem il-Kunsilli Lokali u kif il-BOV infurmawna waqt laqgħa kif dan l-uffiċċju ser jibda jiġi cchargjat madwar €3,000 kull sena.

46.6.5 Is-Sur Anthony Dalli spjega kif l-iskema numru 6/2020 fil-preżent bil-pandemija ma jistgħux isiru avvenimenti u għal din ir-raġuni huwa ssuġġerixxa li dawn il-flus għandhom jiġu mgħoddija lill-Kunsilli Lokali u ma jibqgħux jidhru fil-kontijiet tar-Reġjun u b'hekk

46.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra. Galea, spjegat kif din il-proċedura kienet qed tkun problematika mal-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali fejn għad hemm Kunsilli Lokali li baqgħu qatt ma fetħu kont bankarju separat għal dawn il-fondi, jew qatt ma jressqu talba fuq il-proġett li jkunu ser jgħamlu lir-Reġjun, jew il-fondi għadhom fil-kont, jew qatt ma jintbagħtu d-dokumenti meħtieġa lir-Reġjun.

46.6.7 Is-Sindku ta' San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, spjega kif fil-każ tagħhom huma qed iressqu proposta sabiex issir musical li jiġi ffirmaljat umbad jintwera.

46.6.8 Dott Angelo Micallef spjega wkoll kif il-Kunsill ta' Ħal Balzan ukoll ser jgħamel avveniment onlajn sabiex jilħaq in-nies id-dar minħabba din is-sitwazzjoni.

46.6.9 Is-Sur Fenech Adami ħeġġeġ lil membri kollha sabiex kull fond li hemm fil-preżent jiġu użati mill-aktar fis possibli.

46.6.10 Is-Sa. Margareth Baldacchino Cefai talbet kjarifika dwar ir-rimborż mill-LESA.

46.6.11 Is-Sur Fenech Adami spjega kif s'issa kienu waslu €97,690 u spjega kif is-Sra. Galea, sal-laqgħa li jmiss ser tagħmel breakdown dwar kif ser jitqassmu

46.6.12 Is-Segratrju Eżekuttiv fakkret lill-membri li dawn il-fondi għandhom isiru għal proġetti u fl-ebda mod m'għandhom jintużaw biex jitħallsu kuntratturi.

## 46.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Kunsill Lokali Tas-Sliema*

46.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz skema numru 10/2020 ikun jistà jitħallas l-ispejjeż addizzjonali għas-serata ta' Tas-Sliema Wirt u Niesha, fejn fihom jinkludu spejjeż tal-preżentatur, ritratti u momentos, kif ukoll il-kiri ta' Sound System li ntuża għal mużika tal-Milied fil-postijiet kummerċjalifi żmien il-Milied.

46.7.2 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan*

46.7.3 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex permezz ta' Skema numru 8/2020 ikunu jistgħu jikkollaboraw mal-Każin tal-Banda San Gabriel għal xiri ta' madum fil-veranda tal-Każin, mal-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata sabiex isir liqud membrane fuq il-bejt tal-Każin biex jipproteġu l-binja, u Balzan Youth FC sabiex jinxtara laptop jew tablet għall-użu tas-Segretarjat tal-Klabb.

46.7.4 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali San Ġwann*

46.7.5 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex il-fondi li kellhom jintużaw mill-Għaqda Piroteknika għal Fire Works Festival minflok jintużaw għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa liturġika li nżammet nhar il-Ħamis 11 ta' Frar 2021.

46.7.6 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

46.7.7 Il-President sejjaħ lis-Sindku ta' San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, sabiex jispjega l-proposta tiegħu.

46.7.8 Is-Sur Fenech spjega kif ser jgħamlu *musical* għal żmien il-ġimgħa l-kbira sabiex umbad jintwera lin-nies minħabba li l-lokalità tagħhom ma toffri xejn aktar matul dawn iż-żminijiet u b'mod speċjali peress li fis-sitwazzjoni preżenti bil-pandemija ma jistgħux isiru attivitajiet.

46.7.9 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031*

46.7.10 B'referenza għal din is-sejħa, il-President spjega kif l-ewwel pass huwa li nsiru nafu liema bliet jixtiequ jsiru jafu b'dan il-proġett u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Jeanette Galea, bagħtet emejl lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex naraw min hu interessat.

46.7.11 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid kif tliet Kunsilli Lokali – Ħal Lija u Tas-Sliema, u Ħal Balzan – biss kienu irrispondu lir-Reġjun. Għal din ir-raġuni hu fakkar lill-membri sabiex kulħadd jibgħat risposta permezz ta' emejl sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 5 ta' Marzu 2021.

46.7.12 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, qal li jekk din hija inizjattiva fuq bażi reġjonali, il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun għandhom jesprimu x-xewqa li napplikaw bħala Reġjun.

46.7.13 Is-Sur Trevor Fenech qabel mas-Sur Zammit li xi ħaġa bħal din għandha ssir bħala Reġjun.

46.7.14 Is-Sur Fenech Adami spjega li kull Kunsill Lokali għandu jideċiedi.

- *Skema SPI.SCI.7.2020 – Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart*

46.7.15 B'referenza għal din l-iskema, il-President informal ill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun kien irċieva total ta' 7 applikazzjonijiet – mingħand il-Kunsilli Lokali ta'

- **Ħ'Attard** – tiġi ikkreata Mobile App bħala servizz lir-Residenti biex jgħarmu l-iskar goff; skedi ta' kif jinġabar l-iskart u fliema ġurnata u ħinijiet jinġabar; u sezzjoni fejn isiru l-ilmenti. Ikun ukoll hemm siti tal-bring-in-sites
- **Sliema** – f'żonijiet urbana jitpoġġew street wheely bins fil-lokalità fejn wieħed jistà jħalli l-boroz barra l-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart. Dawn ser jinfetħu bil-key card u mdawrin bis-CCTV.
- **San Ġiljan** – isiru kaxxex mgħamulin minn pallets ta' l-injam sabiex ir-residenti fiż-żona tal-Housing Estate ikunu jistgħu jiddisponu mill-iskart tagħhom f'post wieħed u ordnat.
- **Ħal Lija**- bl-assistenza tal-Greenpak jinstalla underground bring-in-sites li jikkonsistu f'4 smart bins u jkunu m'għassa minn 2 CCTVs
- **Gżira** – jinħolqu żoni ġodda għal riċiklaġġ permezz ta' iBins u underground bins
- **Ta' Xbiex, San Ġwann, Pietà, Msida** – applikazzjoni waħda f'isem l-erbà Kunsilli Lokali sabiex jinxtraw Smart Bins.
- **Santa Venera** – jitpoġġew smart underground bins mifruxa fil-lokalità.

46.7.16 Il-membri preżenti approvaw dawn l-applikazzjonijiet b'mod unanimu u għal din ir-raġun dawn l-applikazzjonijiet ser jiġu mgħoddija lill-SPI kif inhu mitlub.

- *Awdituri*

46.7.17 Il-President informa lill-membri li l-awditjar minn Grant Thornton ser jibda minn nhar it-Tnejn 22 ta' Marzu 2021.

- *Servizz ta' Gwardjan tas-sigurtà*

46.7.18 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għal servizz ta' Security Guard biex ikun preżenti fit-Tribunal Lokali kull darba li jkun hemm is-seduti għaddejjin sabiex iżomm kontroll tan-nies kif ukoll jieħu t-temperaturi tan-nies u jara li jużaw l-*hand sanitizer.*

46.6.19 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri dwar il-kwotazzjonijiet u peress li r-rata li pprovdu hija l-istess, il-membri qablu li jitilgħu bix-xorti u kif inkun qabeż il-limitu, nużaw dak li ġie fit-tieni post u jekk is-sitwazzjoni tibqa kif inhi fil-preżenti u jkun qabeż il-limitu, jintagħżel dak li ġie t-tielet wieħed.

- *Proposta ta' Korsijiet*

46.7.20 Il-President ressaq fuq il-mejda żewġ proposti mressqa mis-Sur Kevin Spiteri sabiex jinżammu żewġ korsijiet onlajn b'kollaborazzjoni ma' EngageSTREAM:

- Introduction to 3D Printing – tliet courses - €10,900.00
- Broadcasting for Beginners – tliet courses - €6,400.00.

46.7.21 Hu żied jgħid kif dawn il-proposti kienu ntbagħtu b'emejl flimkien ma' l-Aġenda u l-minuti sabiex kulħadd ikollu ċ-ċans jarahom.

44.7.22 Is-Sur Max Zammit spjega kif fl-opinjoni tiegħu l-ewwel għandu jsir eżerċizzju sabiex ikunu naraw x'hemm korsijiet li qed jiġu offruti u diversi ċentri ta' taħriġ li hawn u jinħareġ pakkett aħjar. Hu żied jgħid kif ikun aħjar jekk isiru korsijiet bħal first aid milli 3D printing.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni kif il-korsijiet ta' First Aid u oħrajn simili kienu saru matul is-sena li għaddiet.

44.7.23 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sra. Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet jekk kienx hemm diġa interess għal dawn il-korsijiet.

46.7.24 Il-President spjega kif ma kellux numri fidejh pero kien hemm diġa ammont li qedin fuq *waiting list* u kien minħabba din ir-raġuni li għażlu dawn iż-żewġ korsijiet.

46.7.25 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, żied jgħid kif fil-każ tal-lokalità tiegħu hemm maġġoranza ta' nies anzjani li ma jkollhomx aċċess fit-teknoloġija u li dawn in-nies diffiċċli biex tasal għandhom u ssuġġerixxa li forsi jkun jistà jintuża l-*kindle* sabiex anzjan ikun jistà jaqra xi rumanz antik.

46.6.26 Is-Sur Max Zammit issuġġerixxa li jingħataw ċans sabiex min jixtieq iressaq proposta fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

46.6.27 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sra. Margaret Baldacchino Cefai, qablet mas-suġġeriment li ressaq is-Sur Max Zammit.

44.6.28 Il-President fakkar li l-flus li hemm fl-allokazjoni qedin hemm biex isiru proġetti fuq skala Reġjonali u ma nibqgħux bil-mentalità li dawn huma biex jingħataw lill-Kunsilli Lokali.

44.6.29 *6:34pm – is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, skuża ruħu mill-laqgħa.*

44.6.30 Wara li tkompliet diskussjoni dwar dan is-suġġett bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex il-membri jingħataw l-opportunità sabiex sal-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss ikunu jistgħu jressqu proposti għal proġetti li jistgħu jsiru u din tintbagħat flimkien ma' l-aġenda ġimgħa qabel id-data ta' laqgħa.

44.6.31 Is-Sur Stefan Cordina xtaq jgħamel intervent fuq l-iskemi finanzjarji li ma kienux approvati fil-laqgħa preċedenti u xtaq jara kif din is-sitwazzjoni kienet ser tibqa.

44.6.32 Is-Sur Fenech Adami spjega li hu kien talab spjegazzjoni mill-Kunsill Lokali ikkonċernat għalfejn l-affarijiet kienu nxtraw tliet darbiet aktar minn dak li kien hemm provdut ma tistax tiġi aċċettata.

44.6.33 Is-Sur Cordina qal kif l-argument tieghu kien li meta l-Gvern joħroġ skema ma jgħidlekx minn fejn għandek tixtri. Għalkemm l-iskema kienet idea tajba u kif huma bħala Kunsill Lokali kienu diġa għaddewa bħala inizzjattiva mill-Kunsill Lokali, fil-bidu d-deċiżjoni kienet li jinxtraw mit-tliet *suppliers* li kien ressaq il-President umbad f'laqgħat oħra kien infurmhom li l-Kunsilli Lokali għandhom jixtru minn liema *suppliers* iridu basta fuq l-istess prezz jew orħos minn dawk li kienu provduti.

44.6.34 Is-Sur Cordina kompla jispjega kif l-Kunsill qatt ma seta jiġbor kwotazzjoni fuq ammont kbir daqs kif għamel ir-Reġjun peress li l-ammont li ser jinxtara kien ser ikun ferm iżgħar. Għal din ir-raguni, l-Kunsill Lokali mexa mar-regolamenti finanzjarji, ġabar tliett kwotazzjonijiet u għażel l-orħos waħda.

44.6.35 Hu talab lill-President raġuni għalfejn dan ir-rimborz mhux ser jingħata.

44.6.36 Il-President spjega li l-iskema tax-xiri tal-maskli, fuq parir tad-Dipartiment, bħala ma qed jgħamel il-Gvern dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart, huwa mexa bl-istess mod sabiex bl-*economies of scale* r-Reġjun ikollu l-opportunità li jġib prezzijiet tajbin u orħos f'isem it-tlettax-il lokalità.
Is-Sur Stefan Cordina talab sabiex jittieħed vot mill-membri dwar jekk il-Kunsill Lokali tiegħu għandux jiġi rifondut lura jew le.

44.6.37 Id-diskussjoni kompliet bejn il-membri preżenti u l-President laqa din it-talba tas-Sur Cordina u talab lill-membri preżenti sabiex jittieħed vot u spjega li hu xorta huwa kontra li jsir dan ir-rimborż.

44.6.38 Fuq proposta tas-Sur Anthony Chircop, il-membri preżenti qablu li dan il-ħlas għandu jinħareġ.

- *Kuntratt ta' Mechanical Engineer*

44.6.39 Il-President informa lill-membri preżenti bill-kuntratt li dan il-Kunsill Reġjonali għandu fil-preżent għal servizz ta' Mechanical Engineer għal *playingfields* ser jispiċċa f'Ġunju 2021 u għal din ir-raġuni huwa staqsa lill-membri jekk dan is-servizz għandux jingħata għal perjodu ta' tliet snin oħra billi tinħareġ sejħa ta' offerti.

44.6.40 Il-President staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tikkonferma jekk il-kuntrattur preżenti għandux jiġi

44.6.41 Il-membri preżenti qablu sabiex din is-sejħa terġa tinħareġ.

## 46.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

46.8.1 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, sekondat mis-Sindku ta' San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 40A u 40B.

46.8.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 46.9 Mozzjonijiet

46.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 46.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

46.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 25 ta' Marzu, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFRIMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |